Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 16/2012/1

**Atlas Insurance PCC Limited u Elmo Insurance Limited, Ko-Assikuraturi, kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom M. Demajo Holdings Limited**

**vs**

**C & C Express Limited bhala Agent tas-socjetà estera TNT, liema socjetà estera kellha isimha mibdul ghal TNT Skypack Hellas EPE permezz ta' digriet tat-12 ta' Lulju, 2013**

4 ta' Gunju, 2018.

1. Permezz ta' rikorsipprezentat fis-16 ta' Jannar, 2012, l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' €7,810.60, somma li hallset bhala indenniz favur l-assikurat taghhom, wara nuqqas fil-konsenja ta' merkanzija, liema nuqqas, jinghad li kien unikament responsabbilità tas-socjetà konvenuta.

2. Is-socjetà konvenuta wiegbet illi (i) l-azzjoni attrici hija rrita u nulla peress li TNT kien "*trade name*" u mhux socjetà estera b'personalità guridika distinta; (ii) is-socjetà C & C Express Limited mhix legittimu kontradittur peress li m'ghandhiex ir-rapprezentanza ta' ebda socjetà estera u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju; u (iii) fil-mertu cahdet it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li (a) s-socjetajiet attrici jridu jippruvaw il-fatti allegati minnhom u s-socjetà konvenuta ma tahtix ghan-nuqqas jew telf allegatament soffert u (b) fi kwalunkwè kaz ir-responsabbilità taghha hija limitata skont il-kondizzjonijiet relattivi tal-polza ta' l-inkarigu.

3. Permezz ta' sentenza preliminari tat-30 ta' Settembru, 2013, il-Qorti tal-Magistrati cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjetà konvenuta, filwaqt li b's-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2017 l-istess qorti laqghet it-tielet eccezzjoni tas-socjetà konvenuta u cahdet it-talbiet attrici u b'dan illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

4. Kull parti appellat, is-socjetajiet attrici ressqu l-appell principali li permezz tieghu appellaw mis-sentenza finali, filwaqt li s-socjetà konvenuta permezz ta' appell incidentali appellat: (i) mid-digriet tat-12 ta' Lulju, 2013, dwar il-bdil fl-okkju tal-kawza; (ii) mis-sentenza preliminari tat-30 ta' Settembru, 2013, fejn gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari taghha; (iii) mis-sentenza finali in kwantu l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra li kienet is-socjetà M. Demajo (Services) li ordnat il-garr ta' merkanzija lejn Malta u mhux M. Demajo Holdings Limited, kif rizultanti mis-*subrogation form,* li s-socjetajiet attrici gew surrogati fid-drittijiet taghha u bhala fatt hija m'ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjetà M. Demajo Holdings Limited; u (iv) hija m'ghandha tbati l-ebda spejjez ta' din il-kawza.

5. Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu, 2018 u rat l-atti kollha tal-kawza.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. Mill-atti jirrizulta li:
i. Is-socjetà C & C Express Limited ilha mis-sena 2005 tipprovdi servizzi fejn twassal merkanzija lejn u minn Malta. Fl-istess zmien dahlet f'*Joint Operating Agreement*[1] mas-socjetà Griega TNT Skypak (Hellas) EPE (socjetà sussidjarja ta' grupp ta' kumpaniji multi-nazzjonali), li permezz tieghu z-zewg socjetajiet hatru lil xulxin bhala kuntratturi indipendenti sabiex titwassal il-merkanzija lejn u minn Malta. Ghalkemm is-socjetà konvenuta C & C Express Limited tistà taghmel uzu mill-operating network internazzjonali ta' TNT, hija tishaq li mhix agent ta' TNT Skypak (Hellas) EPE[2].

ii. Fil-15 ta' Dicembru 2010, is-socjetà Newtech Limited bl-indirizz ta' 103, Archbishop Street, Valletta, ghamlet ordni ta' diversi oggetti ta' apparat tat-telefonija u accessorji ohra ma' Ingram Micro fl-Ingilterra.[3]

iii. Fl-4 ta' Jannar 2011, il-fornitur ha hsieb li ssir il-konsenja tal-merkanzija ordnata lil TNT UK, fl-Ingilterra sabiex tiehu hsieb il-konsenja tal-ordni maghmula. Kagun ta' maltemp fl-Ingilterra, il-konsenja relattiva nzammet fl-imhazen ta' TNT UK sal-10 ta' Jannar, 2011[4].

iv. Fis-7 ta' Jannar 2011, Paul Grech impjegat mas-socjeta M Demajo Holdings Group, gie infurmat minn Rachel Mugliette, impjegata tas-socjetà C & C Express Limited li peress li l-fornitur taghhom ma kienx mela *airway bill,* il-konsenja ma setghatx tintbaghat mill-Ingilterra, kwindi kellha jew timtela l-formola jew isir kuntatt ma' TNT mill-istess fornitur.

---

[1] Estratti minnu esebiti a fol. 26 *et seq* tal-process.
[2] Ara f'dan is-sens Dok. 'DC' - affidavit ta' Diane Cassar a fol.11 tal-process.
[3] Dok. MB 2 a fol. 88 tal-process
[4] Ara f'dan is-sens l-affidavit ta' Andrew Camilleri a fol. 19 tal-process.

v. Sussegwentement, is-socjetà M. Demajo Services Limited (c/o New Tech Limited) imliet formola msejha *receiver pays form,* li permezz taghha talbet is-servizz ta' TNT Express sabiex il-merkanzija titwassal mill-Ingilterra ghal Malta, permezz ta' Economy Express (Road) u mhux Global Express (Air)[5]. Din il-formola ma tindikax data jew kemm il-pakkett kellu jigi kkonsenjat.

vi. Fil-11 ta' Jannar, 2011, l-istess impjegata tas-socjetà C & C Express Limited infurmat lil Paul Grech li l-merkanzija kienet ingabret u kellha tasal Malta l-Gimgha 14 ta' Jannar, 2011. Fl-istess korrispondenza jirrizulta li l-konsenja kellha referenza 323093105 u hemm indikat li ngabret Pcs 1.

vii. Fl-14 ta' Jannar, 2011 meta waslet il-konsenja, gie nnutat illi "*Only one Box of 13 kgs Received and Delivered*"[6], u din tinsab kontro-firmata minn rapprezentant ta' TNT C & C Express Limited.

viii. Fit-18 ta' Jannar, 2011, Steve Carabott ta' C & C Express Limited, kiteb lil Paul Grech, fejn infurmah li ghadhom ma nstabux il-hdax il-kaxxa neqsin mill-konsenja u li kien qieghed jivverifika mar-rapprezentanti ta' TNT fl-Ingilterra u talbu l-assistenza sabiex jigu ndikati aktar dettalji dwar il-kaxxi neqsin bhat-tip, kulur u qies taghhom, kif ukoll xi sinjali li jista' jkollhom fuqhom.[7]

ix. Fl-24 ta' Jannar, 2011[8], impjegata ta' Newtech Limited kitbet lil C & C Express Limited sabiex tinfurmahom li b'referenza ghall-konsenja ta' pallet li saret, li ggib referenza 323093105, kien hemm neqsin hdax-il kaxxa u li kienu qeghdin izommu lil C & C responsabbli ghal dan in-nuqqas.

x. Fis-6 t'April, 2011, C & C Express Limited wiegbet l-ittra ta' Newtech Limited billi nghad li huma nfurmaw lil TNT fl-Ingilterra li l-klijent kien qieghed jistenna konsenja ta' tnax-il kaxxa u mhux wahda. Izda minkejja sforz kongunt sabiex jinstabu l-istess kaxxi, dan ma halla ebda frott. Il-kaxxa li huma rcevew kienet debitament ikkonsenjata, u ghalhekk ma setghux jitqiesu responsabbli ghall-akkadut.[9]

xi. Fil-11 t'April, 2011, is-socjetajiet Atlas Insurance PCC u Elmo Insurance Limited bhala assikuraturi tas-socjetà M. Demajo Holdings Limited, u wara li hallsu s-somma ta' €7,810.60 lil M. Demajo Holdings Limited, gew surrogati fid-drittijiet tal-istess socjetà.[10]

---

[5] Dok. MB 1 a fol. 85 tal-process
[6] Dok. MB 3 a fol. 89 tal-process.
[7] Dok. DC 1 a fol. 31 tal-process.
[8] Mhux tas-sena 2010, kif hemm erronjament indikat fl-ittra a fol. 73 tal-process.
[9] Ittra esebita bhala Dok. AC 2 a fol. 21 tal-process.
[10] Subrogation Form esebita a fol. 72 tal-process.

xii. Fl-14 ta' Novembru, 2011, saret ittra ufficjali mis-socjetajiet attrici fil-konfront ta' C & C Express Limited bhala agent tas-socjetà estera TNT[11], liema ittra ghalkemm debitament notifikata, baqghet mhux imwiegba.

7. Il-qorti ser tibda billi tqies punti preliminari li tqajmu fl-appell incidentali. L-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta hu dwar id-digriet tat-12 ta' Lulju, 2013, li awtorizza l-bdil fl-okkju tal-kawza. Targumenta li t-tibdil fl-isem ta' TNT ghal "TNT Skypack (Hellas) EPE", kien jincidi direttament fuq l-ewwel eccezzjoni taghha u l-effett tal-korrezzjoni huwa li jibdel fis-sustanza l-mertu tal-azzjoni, kif ukoll tal-eccezzjonijiet u b'hekk sehhet sostituzzjoni ta' parti li qabel ma kenitx imdahhla fil-proceduri u ghalhekk lanqas biss kellha l-opportunità li tiddefendi ruhha. Jigi pprecizat li s-socjetà konvenuta tharrket bhala agent (u mhux ukoll proprju f'isimha) tas-socjetà estera TNT li huwa *tradename* u mhux socjetà b'personalità guridika distinta. Targumenta li ladarba ir-rikors tal-atturi hu null *ab initio* ma seta' qatt jigi sanat permezz ta' korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. L-Artikolu 175(1) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili *inter alia*, jipprovdi hekk:
"***Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża****, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet,* ***tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku****, ….., **sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża**"*

9. Il-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-sentenza tad-9 ta' Marzu, 2007, fl-ismijiet **Joseph M. Vella et vs Vella Brothers Limited et,** qalet li l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validità ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk iwarrab il-possibilità ta' mutiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawk l-atti. Il-legislatur ta poteri wesghin hafna lill-qrati li jaghmlu kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni, u ghalhekk il-qorti tista' tawtorizza korrezzjonijiet anke fl-okkju. L-emendi li saru fl-1995 fuq din id-disposizzjoni tal-ligi, kellhom l-iskop li l-ligi tkun aktar effikaci u mmirata lejn gustizzja sostantiva, minflok li tkun imxekkla minn formalizmu u rigorozità esagerata fil-procedura. Dan dejjem sakemm dawn il-korrezzjonijiet ma jippregudikawx id-drittijiet tal-kontendenti fil-kawza. Kien deciz ukoll li l-fatt li l-izball fl-okkju jkun imsemmi fl-eccezzjonijiet tal-konvenut, m'ghandux ikun ta' xkiel ghal akkoljiment tat-talba ta' korrezzjoni, sakemm mhux ser iggib bidla fis-sustanza tal-azzjoni.

---

[11] Dok. AC 3 a fol. 22 tal-process

10. B'dik id-disposizzjoni l-qrati ghandhom il-poter li jawtorizzaw tibdil fl-iskritturi, li jinkludu li, *"jizdied jew jintehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku"*. It-tibdil li sar bid-digriet tat-12 ta' Lulju, 2013 ma jimportax tibdil fis-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu. Wara kollox it-talba attrici baqghet wahda ta' hlas ta' danni u C & C Express Limited baqghet fil-kawza bhala rapprezentant tas-socjetà estera. Din hi l-fehma tal-qorti irrispettivament ta x'gie deciz fis-sentenza li l-konvenuta ghamlet riferenza ghaliha.[12]

11. Permezz tat-tieni aggravju l-konvenuta tilmenta dwar is-sentenza preliminari tat-30 ta' Settembru, 2013 ghaliex cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet. Dan jinghad peress li l-bdil fl-isem ta' TNT, incida fuq il-mod kif giet deciza s-sentenza preliminari meta cahdet l-ewwel eccezzjoni taghha. Inoltre, peress li l-ewwel Qorti donnha bbazat id-decizjoni taghha fuq l-argument ta' l-atturi li meta hija ma rrispondietx l-ittra ufficjali li saret fis-17 ta' Novembru, 2011, allura kellha dritt tassumi li s-socjetà konvenuta kienet agent ta' TNT. Tinsisti li dan l-argument ma jregix in kwantu fil-korrispondenza taghha kien hemm miktub car u tond li:

*"C & C Express Limited is not an agent of TNT Holdings B.V. or TNT Express Holdings B.V. or any of their respective subsidiaries or affiliates but an independent contractor operating under a Joint Operating Agreement and licensed to use the TNT logo."*[13]

Tilmenta wkoll li l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tat-30 t'Ottubru, 2009, fl-ismijiet **International Translation Agency Limited v. C&C Express Limited (C32212) proprio u qua agent tas-socjeta estera ta' TNT Express Holdings B.V.",** meta f'dik il-kawza hija kienet imharrka f'isimha proprju, kif ukoll bhala agent tas-socjetà estera TNT Express Holdings B.V., mentri f'din il-kawza ma gietx imharrka fil-vesti personali taghha. F'dik il-kawza kien deciz illi "*bhala principju l-agenzija tista' tkun implicita u mhux mehtieg li tirrizulta bil-kitba jew b'xi mezz formali"*. Issostni li l-ewwel qorti ma setghetx tistrieh fuq dik is-sentenza, gialadarba c-cirkostanzi huma differenti, fosthom li f'dan il-kaz jirrizulta car li s-socjetà konvenuta ma kinitx qeghda tagixxi bhala agent, u kemm l-assigurata kif ukoll l-istess atturi kienu ben konxji minn dan il-fatt.

12. Kull kaz irid jigi ezaminat skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu. Il-kwistjoni dwar jekk C & C Express Limited kinitx rapprezentant tas-socjeta estera, kienet rilevanti ghal finijiet tat-tieni eccezzjoni li taqra:

*"2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta C & C Express Ltd ma ghandhiex ir-rappreżentanza ta' ebda socjeta estera u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma tistax tkun il-legittimu kontradittur f'din il-kawza"*.

[12] **John Bonello noe vs John Ripard noe et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-30 ta' Novembru, 2012.
[13] Ara Dok. DC 1 a fol. 31 tal-process.

13. Eccezzjoni li hi kontradittorja ghat-tielet eccezzjoni li titratta dwar il-meritu. Hu veru li fir-risposta C & C Express Limited ddikjarat li qeghda tipprezenta t-twegiba *"ghal kull interess li jista' jkollha"*. Madankollu wara d-digriet tat-12 ta' Lulju 2013, C & C Express Ltd ma talbitx lill-qorti biex tibdel jew izzid mal-eccezzjonijiet li tat fl-24 ta' Frar, 2012. Lanqas ma rtirat it-tielet eccezzjoni. C & C Express Limited ma kinitx imharrka personalment, u f'dak l-istadju t-twegiba setghet tinqeda biha biss TNT Skypack Hellas EPE kif rapprezentata minn C & C Express Limited.

14. Lanqas mhu bizzejjed li jinghad li dik l-eccezzjoni nghatat bla pregudizzju ghat-tieni eccezzjoni. Jibqa' l-fatt li C & C Express Ltd ghan-nom tas-socjeta estera, tat eccezzjoni fil-meritu. Dan fih innifsu jfisser li f'dawn il-proceduri qeghda tirraprezenta lis-socjeta TNT Skypacke Hellas EPE.

15. Issa l-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-appell tal-atturi. Fl-ewwel lok tosserva li d-dokumenti li gew prezentati mar-rikors tal-appell u mal-appell incidenti huma prova godda. Provi li kellhom jitressqu quddiem l-ewwel. Hadd mill-partijiet ma ta raguni valida ghalfejn dawk id-dokumenti ma gewx prezentati fl-ewwel qorti. Ghaldaqstant, il-qorti tordna li jigu sfilzati.

16. L-atturi jsostnu li mill-provi ghandu jirrizulta li l-konvenuta naqset milli tikkonsenja parti mill-merkanzija li hadet l-inkarigu li twassal Malta. Jikkritikaw is-sentenza tal-ewwel qorti li qalet li Mario Buttigieg:

*"ix-xhud principali... meta xehed dwar x'merkanzija kellha tasal, qal illi ghalkemm huma jinsistu illi kellhom jaslu tlettax-il kaxxa, huwa ma ghandu ebda dokumentazzjoni biex juri illi attwalment kienu intbaghatu tlettax-il kaxxa lejn Malta.*

*In vista ta' dan in-nuqqas ta' dokumentazzjoni pprovduta mis-socjeta rikorrenti, il-Qorti bilfors ikollha tistrieh fuq id-dokumentazzjoni pprovduta mis-socjeta intimata, illi kienet attwalment hi responsabbli ghall-gbir tal-merkanzija gewwa l-Ingilterra w ghall-garr taghha lejn Malta"*.

17. L-ewwel qorti cahdet it-talba tal-attrici ghaliex ikkonkludiet li, *"... lis-socjeta intimata intbaghatilha biss pakkett wiehed illi hija debitament garret lejn Malta u kkonsenjat lilhom kif mitlub"*. Konkluzjoni li waslet ghaliha a bazi tad-dokumenti a fol. 118 u 119. L-aggravju tal-atturi hu bazat fuq dawn il-provi:

i. Ittra datata 6 ta' April, 2001 ta' C & C Express Limited lil Newtech Ltd, fejn jinghad: *"Kindly note that at the time of this incident we informed TNT in the UK that client expected to receive one pallet containing 12 boxes and not 1 box. All our combined efforts to locate these boxes unfortunately resulted in the negative. The one piece which was received was delivered to your offices on 14th January 2011 and for which we hold a clean proof of delivery"*.
ii. Dokument a fol. 89 fejn jinghad *"Only One Box of 13kg received & Delivered"*.

18. Il-qorti hi tal-fehma li mill-provi l-ewwel qorti setghet tasal ghal konkluzjoni li l-merkanzija li giet konsenjata biex tingarr lejn Malta kienet iktar minn kaxxa wahda b'piz ta' 13 il-kilogramm. Fil-fatt:

i. Mill-*invoice* li harget Ingram Micro (UK) Ltd datat 15 ta' Dicembru, 2010[14], wiehed facilment jasal biex jikkonkludi li l-merkanzija kellha piz ta' iktar minn tlettax-il kilo. Bizzejjed jissemma li minn dan id-dokument jirrizulta li kien hemm hamsa u erbghin (45) telefon.
ii. Id-dokument stess li hemm a fol. 89 isemmi piz ta' 100kg u fih hemm notament tal-konvenuta, *"Only one Box of 13kg Received & Delivered"*. Konsenja li kellha n-numru 323093105, li hu l-istess numru li jissemma f'*email* tal-11 ta' Jannar 2010 li Rachel Mugliette (C & C Express Ltd) baghatet lil Paul Grech (M. Demajo Services Limited) fejn infurmatu li l-konsenja ngabret u li kellha tasal fl-14 ta' Frar.

19. Ir-riferenza ghad-dokumenti a fol. 118-120 ma tghinx lill-konvenuta. Diana Cassar stess xehedet li dawk id-dokumenti huma *"track and trace screen shots"* ta' x'intbaghat mill-Ingilterra lejn Malta. Pero' mill-provi rrizulta kif fl-Ingilterra l-oggetti kienu ngabru minn TNT UK. In-nuqqas fil-merkanzija li waslet Malta kienet materja li l-konvenuta kellha tara ma' TNT UK. Jidher pero li TNT UK ma tatx sodisfazzjoni lil C & C Express Limited tant li l-istess xhud qalet, *"We therefore looked into this with TNT UK, **but all our efforts resulted in the negative**"*. Ix-xhud ma tatx iktar dettalji.

19. Id-diffikulta' li tezisti f'dan il-kaz hi li mill-provi rrizulta li l-atturi hallsu lil M Demajo Holdings Ltd u gew surrogati fid-drittijiet taghha.[15] Pero' l-konvenuta kellha x'taqsam ma' M. Demajo Services Ltd u mhux ma' M. Demajo Holdings Limited.[16] Fil-fatt fid-dokument Receiver Pays-Import Service[17], gie ddikjarat li d-destinatarja tal-merkanzija kienet M. Demajo Services Ltd. Dokument li sar minn Paul Grech, dipendenti tal-istess kumpannija. Ir-relazzjoni tal-konvenuta kienet ma' M. Demajo Services Ltd (C15720) u mhux ma' M. Demajo Holdings Limited (C2517). Andrew Camilleri, ufficjal ta' Atlas Insurance PCC Limited, ma kienx korrett meta qal:

*"Is-socjeta M. Demajo Holdings Limited kienet akkwistat merkanzija konsistenti f'apparat telefoniku u prodotti relatati, liema merkanzija giet assigurata mas-socjeta attrici Atlas Insurance PCC Limited taht Marine Open Cover Policy in konnessjoni mat-tragitt lejn Malta.*

---

[14] Fol. 88.
[15] Subrogation Form a fol. 72.
[16] Fol. 122.
[17] Fol. 85.

*M. Demajo Holdings Limited kienet qabdet lid-ditta TNT sabiex tigbor il-merkanzija relattiva minghand fornitur taghha Ingram Micro (UK) Limited, igorrha u tikkonsenja lill-istess M. Demajo Holdings Limited fl-imhazen taghha gewwa l-Belt Valletta, f'Malta".*[18]

Mill-provi rrizulta li l-uniku involviment li kellha M. Demajo Holdings Limited kien li rceviet hlas minghand l-atturi, u xejn iktar. Minn dak li xehed Andrew Camilleri hu evidenti li l-assigurata tal-atturi kienet M. Demajo Holdings Limited, li pero' ma kellha x'taqsam xejn mal-konsenja li baghatet Ingram Micro (U.K) Limited.

20. Sabiex jirnexxu fil-kawza, l-atturi kellhom jaghtu prova li gew surrogati fid-drittijiet ta' M. Demajo Services Ltd. Prova li ma saritx. Saret riferenza ghal din il-materja fit-tielet aggravju tal-appell incidentali. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. Din ma kinitx wahda mir-ragunijiet li wasslu lill-qorti biex tichad it-talba tal-atturi. Fil-meritu l-kawza giet deciza kontra l-atturi minhabba li l-ewwel qorti kienet tal-fehma li ma nghatatx prova li gew konsenjati tlettax-il kaxxa lill-konvenuta sabiex jingarru lejn Malta.
ii. Il-konvenuta harget rebbieha fir-rigward tal-meritu. Ghalhekk ma setatx tressaq aggravju dwaru.

Madankollu l-argumenti huma xorta validi ghal finijiet tat-tielet eccezzjoni.

21. Ir-raba' aggravju tal-appell incidentali hu dwar il-kap tal-ispejjez. Dwar l-ispejjez tal-kawza, l-ewwel qorti qalet: *"In vista tal-ewwel zewg eccezzjonijiet imresssaq mis-socjeta intimata, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha"*. Il-principju hu li t-tellief ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Pero' f'dan il-kaz, il-konvenuta ma kinitx rebbieha f'kull aspett tal-kawza. Ghalhekk l-ewwel qorti kellha diskrezzjoni dwar min ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Diskrezzjoni li din il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddisturba, meqjus dak li qalet l-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-atturi, u tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

Anthony Ellul.

---

[18] Fol. 71.